San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 37 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**l-Gimgha 29 ta' Novembru 2013 fis-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Alex Bezzina | Vici Sindku |
| Graziella Galea | Kunsilliera |
| Raymond Tabone | Kunsillier |
| Anne Fenech | Kunsillera |
| Jane Chircop | Kunsilliera |
| Oliver Mallia | Kunsillier |
| Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| Robert Piscopo | Kunsillier |
| Mario Buhagiar | Kunsillier |
| Simeon Nechev | Ambaxxatur taz-zaghazagh |
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a**
**Alex Bezzina**
John Bray, Daniel Grima u Peter Abela

**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.**

**Bollards u tabelli ghat-turisti.**

Minhabba li ghal-laqgha kellna raprezentant ta' kumpanija tar-riklamar li wriet ix-xewqa li tesponi ghall kunsilliera diversi prodotti li ghandha x'toffri, s-Sindku Mario Salerno talab sospensjoni tal-agenda tal-laqgha biex ikun jista' jghamel il-prezentazzjoni tieghu. Is-Sur Mario Borg mill kumpanija Blues Enterprises spjega li l-kumpanija taghhom lesta tidhol ghall-ispejjes kollha biex jinbidlu l-bollards, ghaldaqstant huwa kompla jispjega li dawn l-istess bollards ikunu ta' livel u jifilhu ghall-elementi specjalment fil-lokalita taghna li hafna minnhom jinsabu mall-bahar. Huwa spjega wkoll li l-pannelli b'informazzjoni ghat-turisti ser ikunu jixghelu bis-sistema solari. Bhala kumpanija thallas lill Kunsill u jiehdu hsieb it-tabelli u l-manteniment tagghom ghall perjodu ta' hames snin. Fuq dan jekk jaqbel il-Kunsill isir ftehim bil-miktub u ssir laqgha ohra f'dan ir-rigward. Is-sindku talab jekk hemm'x xi mistoqsijiet halli jigu ccarati kif qieghed fil-laqgha r-raprezentant. Billi ma' kienx hemm mistoqsijiet aktar, il-laqgha kompliet skond l-agenda li kienet intbghatet qabel.

**Introduzzjoni tal-Ambaxxatur taz-zaghazagh.**

Is-Sindku beda l-laqgha bl-introduzzjoni tas-Sur Simeon Nachev li gie mahtur ambaxxatur taz-zaghazagh fil-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar. L-ambaxxatur kompla billi rringrazzja lill kull min ghogbu juri l-fiducja tieghu fih u sahaq li ser jahdem biex jippromwovi l-hidma taz-zaghazagh fil-lokalita halli hekk ikollna aktar partecipazzjoni fix-xoghol tal-Kunsill Lokali min generazzjoni izghar.

**Qari u approvazzjoni tal-minuti.**

Il-minuti tal-laqgha precedenti numru 36 ittiehdu bhala moqrija u korretti bl-aggustamenti tal-punti segwenti, peress li gew cirkulati min qabel. Ingibdet l-attenzjoni mill kunsilliera Graziella Galea u Anne Fenech li fill minuti fejn hemm tizjin tal-Milied ser ikunu qed jghinu lill Alex Bezzina fuq l-armar. Anne Fenech kompliet tghid li hija accettat li toqghod membru fil-bord tal-aggudikazzjoni tal-ICT mentri fil-bord tal-hatra tal-iskrivana hija irtirat milli tkun fil-bord. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar talbet biex jitnizzel fil-minuti li Triq San Giraldu ghanda tizdied fl-aggornamenti taghha u jizdied ukoll li talbet biex jinzabar it-tamarisk matul il-promenade ta' Bugibba u jinxtghelu s-sigar taz-zebbug quddiem is-Santana Hotel. Rigward dan iz-zbir ghandu jintalab parir minghand Dr Joe Buhagiar biex naraw meta jista' jsir dan iz-zbir imsemmi.

**Approvazzjoni tal-iskeda tal-hlasijiet.**

Giet approvata l-iskeda tal-hlasijiet peress li kienet giet iccurkulata lill Kunsilliera minn qabel. Din giet approvata minn kulhadd minbarra Anne Fenech, Robert Piscopo u Graziella Galea li astjenew. Kontra ma' kienx hemm.

**Stqarrija tas-Sindku**

1. *Party tal-milied ghat-tfal fl-ewwel gimgha ta' Jannar, 2014. Il-laqgha anwali natalizja tal-kunsilliera, u bibita tal-ewwel tas-sena lil ghaqdiet tal-lokalita fil-kunsill lokali.*
2. *Konsultazzjoni pubblika fuq il-byelaws fit-tieni sibt filghodu ta' Jannar, 2014*
3. *Riklamar u informazzjoni disseminata lil pubbliku fil-fuljetti tal-kunsill. Ikun hemm nefqa inqas u cirkulazzjoni ta' taghrif aktar sfieq.*

4. *Informazzjoni fuq il-progett tal-gallarija mhallsa mill-UE u l-gvern centrali.*
5. *Kalendarju ta' attivitajiet socjokulturali u edukattivi ghas sena 2014*
6. *Pjan t'azzjoni 2014 – xogholijiet . il-progetti PPP – privat u l-Kunsill- investiment fil-parkegg.*
7. *Issues ambjentali - zamma u manteniment tal-ghammara tat-toroq, il-qasam rurali u urbani , il-bandli , gabra tal-iskart u tindif fil-bahar u fuq l-art, il- harsien tal- annimali , l-ekoskola u l-mannigg integrali tal-kosta maritima, il-harsien tal- pjanti , sigar u l-fjuri , il-bzonn tal-harsien tal- widien u l-problema tal- gharghar , il-pajsagg tal-kampanja u l-kontroll mekaniku tal- haxix selvagg , ghajnuna lil bdiewa u s-sajjieda fil-lokalita .*
8. *L-issues ekonomici u ffinanzjarja– l-allokazzjoni finanzjarja u kif se jitqasam il-fond.*
9. *L-issues tal-edukazzjoni – taghlim ghall-adulti, ghaz-zghazagh u ghat-tfal. il-librerija u titjieb tal-librerija tal-lokalita, l-uzu tal- website tal-kunsill biex tkun ghodda ta' edukazzjoni, il-kunsill taz-zghazagh, bini gdid u x' inhi s-sitwazzjoni tal-iskola primarja? ,*
10. *L-issues ta' ippjannar – eqreb lejn il-Mepa u l-awtoritajiet ghal ippjannar, zamma ta' kontroll socjali fuq kostruzzjoni tal- binjiet ta' appartamenti u blokkok godda. il-kaz tax-xemxija heights , supervizjoni minn personel tal- Kunsill fuq xoghol imwettaq mill-privat bhal krejnijiet fit-toroq u reinstatement tat-toroq minn korporazzjonijiet parastatali bhal WSC, Enemalta w ohrajn . jehtieg supervisor ghal dawn ix-xogholijiet .*
11. *L-issues socjali – mizuri karitattivi u terewpatici fis-socjeta, rwol tal-kunsill bhala agent socjali ta'bidla – niggieldu l-faqar u jkun hemm hidma eqreb mal-pulizija biex ikun hemm kontroll socjali li jaghmel dehen lis-socjeta , koordinament mal-Access u mal-NGOs socjali bhal parrocci , kumitati lokali , ghajnuna lil ghaqdiet sportivi u lil scouts tal-Qawra, twaqqif ta' pjattaforma ghal integrazzjoni tal-ex pats u barranin tal-UE – il-kontribut taghhom lejn il-biodiversita etnika , dar tal-umanita .*
12. *L-issues infrastrutturali – toroq, bankini, assi pubblici ta' valur storiku, arkejologiku. inventarju tal-parkegg riservat, kriterju ta' parkegg u thabbir ta' policy fuq il-linji quddiem garaxxijiet, il-marinskejping, kiosks, Il-mollijiet u l-uzu taghhom bi qbil mad-dipartiment tas-sajd, il-garaxxijiet tal-Blue Waters u l-ftehim mal-kunsill li ghandu mal-privat. progetti innovativi ta' crejativita bhal skultura, open gym u l-harsien ta' siti natura 2000, il-latrini qodma u ohra godda.*
13. *L-issues kulturali – twaqqif tal-monument b' kollaborazjoni mal- ghaqda kulturali tal-lokalita , avvenimenti kulturali ta' kull xahar bi zjieda tal- festival tan-nar , kollaborazzjoni mal-ghaqdiet parrokjali fuq avveniment socjokulturali religjuz fi zmien il-festi . Tferrix tal-attivitajiet f' siti u f' postijiet differenti gewwa l-lokalita. L-uzu tas-siti storici u arkejologiku*
14. *L-issues sportivi u healthy living – safety issues fil-bahar u fuq l-art , kollaborazzjoni mal-ghaqdiet sportivi fuq festival marittimu fejn ikunu involuti nies ta' etajiet differenti biex ikun xprunat l-ezercizzju fiziku fil-bahar .*
15. *Is-sehem li tat l-eks sindku fuq il-mizuri passati u fuq dawk prezenti - ESF, Mizura 313 u 323, vakkum ta' informazzjoni.*

**Tizjin tal-Milied.**

Il-Kunsillier Raymond Tabone spjega li huwa jixtieq li jizdied it-tizjin tal-Milied u rringrazzja lill Vici Sindku Alex Bezzina tax-xoghol li wettaq halli flimkien mall-kuntrattur gie mzejjen il-lokalita ta' San Pawl il-Bahar kollha. Huwa qal li Alex Bezzina din is-sena minkejja li kellna limitazzjonijiet finanzjarji biex inzidu aktar tizjin, il-Kunsill irnexxilu jifrex aktar u ghaldaqstant ghandna tizjin fit-toroq principali kollha. Raymond Tabone kompla jispjega li l-problema tal-armar hija l-ispiza gholja biex napplikaw ghall kaxxi tad-dawl u ghaldaqstant huwa kellu laqgha b' mod informali mall-Onorevoli Konrad Mizzi fuq dan ir-rigward.

**Ikla fi zmien il-Milied.**

Sar qbil biex ghall-ikla ta' kull sena fi zmien il-Milied peress li ser ikunu neqsin zewg Kunsilliera u zewg staff klerikali – nistiednu liz-zewg handyman tal-Kunsill flimkien mall-ambaxxatur taz-zaghazagh Simeon Nachev.

**Party ghat-tfal**

Is-Sindku Mario Salerno spjega li din is-sena jixtieq li jigi organizzat party ghat-tfal bi bzonnijiet specjali. Kunsilliera Jane Chircop qalet li taqbel li jsir dan il-party ghax sfortunatament hawn hafna tfal bi bzonnijiet. Ghaldaqstant gie suggerit li jsir dan il-party bil-kollaborazzjoni tal-knisja u jinstab sponsor ghall din l-attivita.

**Bibita tal-kuntratturi.**

Kien hemm il-qbil biex issir bibita lill kuntratturi flimkien mall-istaff fis-sala tal-kunsill stess.

**Konsultazzjoni pubblika fuq il-Bye Laws.**

Is-sibt 11 ta' Jannar 2014 ser issir laqgha ta' konsultazzjoni pubblika fuq il-Bye Laws fis-sala tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar fid- 9 am.

**Fuljett tal-Kunsill**

Is-Sindku Mario Salerno spjega li din id-darba l-fuljett tal-Kunsill ser jikkonsisti biss b'ritratti tal-attivitajiet u xoghol li twettaw matul is-sena mill-istess Kunsill. Ghaldaqstant ser jinkiteb biss artiklu wiehed generali u mhux ser jintalab il-kontribut tal-Kunsilliera. Ix-xewqat flimkien mal-awguri tal-Kunsilliera ser ikun inkorporat fl-istess artiklu. Rigward dan is-Sindku qal li saret PQ u hija din ir-raguni li qed jispjega r-raguni tal-istil gdid fil-fuljett. Il-Kunsillier Raymond Tabone staqsa kif jista' jkun saret PQ fuq dan meta lanqas huwa stess bhala kunsillier ma' kien jaf? Huwa staqsa kif nies barra mill- Kunsill jafu b'dawn l-affarijiet u huwa bhala kunsillier lanqas jaf? Is-Sindku Mario Salerno qal li xorta wahda twiegbu dawn il-PQ'savolja saret qabel il-laqgha u ma' kellux cans jispjega lill kunsilliera qabel.

**Gallarija tal-promenade fi Triq San Frangisk.**

Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li l-gallarija li saret fejn it-Torri ta' Wignacourt fi Triq San Frangisk kien progett tal-Kunsill bi flus mill-Unjoni Ewropeja, pero ghalkemm il-progett huwa sabih ma' kienx tal-istandard gholi li suppost kellu jintlahaq u ghalhekk il-Kunsill ghandu spejjez kbar biex ikun mantnut ta' kull sena. Huwa staqsa jekk il-perit tal-Kunsill kienx iddikjara li x-xoghol kien sar bis-sena mitluba skond il-BOQ's u jekk le ghandux jinzamm responsabbli tad-diversi nuqqasijiet. Il perit Robert Sant kien iddikjara li x-xoghol huwa tajjeb u kien sahansitra sar kuntratt ghall manteniment ta' dawn l-istrutturi tal-progett mall- Kunsill – liema kopja giet mghoddija lill-istess Kunsill mill-Perit Fsadni tal-MTA, dan ghaliex ma' kienitx instabet kopja tal-kuntratt fil-kunsill. Il-kunsillier Raymond Tabone qal li fi zmien is-sindku precedenti Graziella Galea kien hemm korrispondenza li x-xoghol ma' kienx sar kif titlob is-sena u qatt ma' ttiehdet azzjoni fuq dan ir-rigward. Oliver Mallia qal li ghandu jsir rapport fuq l-ispiza li hemm u ngibu l-perit tal-Kunsill flimkien mall perit tal-MTA halli nevalwaw kemm ser tigi tali spiza. Oliver offra l-ghajnuna tieghu f' dan ir-rigward.

**Attivitajiet mtella mill-Kunsill**

Il-kunsilliera Mandy Buhagiar u Raymond Tabone qalu li ghanda ssir attivita wahda sa tlieta kbar minflok li jsiru hafna zghar halli b'hekk apparti li ssir promozzjoni tal-attivita aktar professjonali jkun hemm aktar flus ivvutati ghall-attivita. Is-Sindku kompla jispjega li f' Awissu li gej ser issir l-attivta tal-karnival u l-festival tan-nar ser isir fl-24 t' April 2014 li ser ikun mtella mill-MTA. Fuq dan jinghata aktar informazzjoni fi press conference meta jkollna aktar dettalji. Il-kunsilliera Jane Chircop qalet li ghandna nikkonsidraw ukoll li ssir Earth Festival fix-Xemxija.

**Monument ta' San Pawl.**

Is-Sindku Mario Salerno qal li bhala Kunsill ghandna l-ghajnuna mid-dipartiment tax-xogholijiet biex isir il-pedamenti ghall-monument tal-istatwa ta' San Pawl. Huwa kompla jghid li hemm grupp ta' nies li ghandu jigi nnominat biex jibda xoghol ta' gbir ta' flus ghall dan il-ghan halli dan il-progett jitwettaq. Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li kellu jsir grupp organizzattiv biex jibda jingabru dawn il-flus. Hawnhekk qam argument shih u fost hafna ghajjat u dizgwid fuq l-ammont ta' flus li ghandhom jigu vvutati u kif ser isir dan l-istess monument u ghall fatt li dan l-istess grupp organizzattiv minn diga kien jezisti, s-segretarju talab ghall kalma diversi drabi u peress li l-ghajjat baqa' ghaddej, waqqaf il-laqa temporanjament sakemm tirritorna l-kalma. Il-laqgha giet sospiza fit-1945 u regghet bdiet fit-1952 bl-item li kien imiss fl-agenda tal-laqgha.

**Tifkira lill J. F. Kennedy**

Is-Sindku qal li tpoggiet kuruna mill-Kunsill biex tigi mfakkra il-mewt ta' J. F.Kennedy u Raymond Tabone qal prosit tal-inizjattiva.

**Lattrina pubblika fix-Xemxija.**

Mario Salerno qal li hemm talba minghand in-nies biex fil-bajja tax-Xemxija l-Kunsill jiehu hsieb jirranga l-kamra li kienet tintuza bhala pompa tal-fuel mill kumpanija EneMalta. Din, wara korrispondenza gie konfermat li mhijiex propjeta tal-istess EneMalta u ghaldaqstant il-Kunsill ser jitlob lill perit tal-Kunsill biex tmexxi ghall permessi necessarji. Il kunsillier Oliver Mallia qal li peress li dawn il-lattrini qed jiswew ammonti kbar lill Kunsill biex jitnaddfu u jsir ix-xoghol tal-manteniment kontinwu li jirrikjedu, l-Kunsill missu jara l-validita li johrog expression of interest halli b'kollaborazzjoni minghand il privat jsiru bi hlas kif ghamlu l-Kunsill tal-Belt. Anne Fenech qalet li fuq dan ir-rigward ghandna nitolbu lill haddiema tal-ETC biex joqghodu ghassa mal-lattrini minhabba l-hsarat kontinwi li qed ikollna. Is-Sindku qal li din il-possibilta ghanda tigi kunsidrata, pero bhala tindif bilfors il Kunsill irid ikollu l-kuntrattur ghax tal-ETC ma' jistghux inaddfu lattrini pubblici. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**Il-kas ta' San Antonio.**

Salerno qal li din il-gimgha gejna msejha l-qorti fuq il-kas ta San Antonio. Huwa kompla jispjega li waqt li kien ghaddej ix-xoghol min nies ta' San Antonio quddiem l-istess Hotel, kienet waqghet mara fil-hofra tal-arblu li wahlu quddiem il-hotel. Is-sinjura qed tfittex ghad-danni lill Kunsill u l-kas ilu ghaddej mit-2008.

**Il-kas tal-Flower Kiosk.**

Is-Sindku qal li kien hemm ukoll il-kaz tal-permess tal-flower kiosk fil-pjazza ta' Bugibba u dan ghandu jinqata' fil-gimghat li gejjin.

**Il-kas tar-Russa li weggghet f'party fil-Qawra.**
Is-Sindku qal li dan il-kaz ghadu ghaddej u qed bhalissa jinstemghu x-xhieda. Dan il-kaz ghadu ghaddej.

L-ambaxxatur taz-zaghazagh halla l-laqgha fit-2010

**Prezentazzjoni tal-indikazzjonijiet finanzjarji.**
Hemm qbil li dawn jigu prezentati fil-laqgha li jmiss u ghaldaqstant ghandha tigi l-accountant tal-Kunsill tispjega dawn.

**Project Leader Measure 313.**
Is-Sindku Mario Salerno qal li giet cirkulata karta biex kull kunsillier jghati l-approvazzjoni tieghu halli jinhatar Project Leader fuq Measure 313 halli jsir il-progett ta' Open gym fuq il-promenade ta' Bugibba. Billi kien hem mil-maggoranza tal-Kunsilliera li ffirmaw, huwa gie kkonfermat bhala il-project leader ufficjali.

**L-onorarja tal-Kunsilliera.**
Il-Kunsillier Robert Piscopo, Jane Chircop, Oliver Mallia u Anne Fenech talbu lis-segretarju halli ma' tibqax tinqata l-NI mill-onorarja minhabba li dawn il-flus jergghu jigu mizjuda mall-formola tagghom fl-ahhar tas-sena. Ghalhekk ghadha tigi mgharrfa l-accountant rigward dan.

**Karozza ghall-uzu tal-Kunsill.**
Billi fil-laqgha precedent kienet giet evalwata d-decizjoni li tinxtara karozza ghall-uzu tal-kunsill u kienet intalbet kwotazzjoni ghall dan il-ghan, il-karozza mghazula ittiehdet ghand tal-VRT biex tigi ccertifikata u tigi evalwata l-ispiza mehtiega biex tkun konformi li kollox jiffunjzona tajjeb. Gie certifikat lit rid issir spiza ta' madwar €350 biex jissewwew. Ghaldaqstant ittiehdet votazzjoni jekk ghandix tinxtara jew le. Favur kulhadd minbarra Graziella Galea u Anne Fenech u Robert Piscopo li astjena.

***Korrispondenza.***
**Ittra minghand il-Kappillan.**
Il-Kunsill kien ircieva itta minghand il-kappillan fejn talab lill Kunsill biex jintervjeni mall-awtoritajiet koncernati halli l-koppla tal-parrocca tibda tinxtghel kif sar f'diversi lokalitajiet ohra. Fuq din kien hemm il-qbil biex tinkiteb ittra fuq dan ir-rigward.

**Talba biex impjegata tal-Kunsill tahdem b'sighat imnaqqsa.**
Il-Kunsill kien ircieva ittra minghand *assistant principal* li tahdem mall-Kunsill biex minn Jannar 2014 tibda tahdem b'sighat imnaqqsa u tithallas pro-rata. Fuq dan kien hemm il-qbil unanimu.

**Talba biex impjegata tal-Kunsill tahdem bit-teleworking.**
Il-Kunsill ircieva ittra minghand skrivana li harget tqila biex wara li jghaddi l-maternity leave tkun tista tkompli tahdem bis-sistema tat-teleworking, ghoxrin siegha tahdem fil-Kunsill u ghoxrin siegha tahdem mid-dar bit-teleworking. Fuq dan kien hemm il-qbil unanimu.

**Bzonn ta' persuna ohra biex tahdem mall-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.**
Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li fid-dawl tat talbiet minghand l-iskrivani biex jahdmu bit-teleworking u bis-sighat imnaqqsa ser issir pressjoni kbira fuq ix-xoghol amministrattiv. Ghaldaqstant ghanda tigi mistharrga l-possibilita li tigi impjegata persuna ohra mall-Kunsill

b'hiliet diversi minn dawk ta' skrivana. Din il-persuna ghandha tkun taf issuq, tara l-ilmenti, tmur fuq il-post u tinforma lis-segretarjus ezekuttiv flimkien mall-Kunsill fuql-ahjar mod biex l-ilmenti jigu ssodisfati. Dan il-persuna ghandu/a tkun taf issuq vetturi kbar bhall van tal-anzjani halli l-kunsill jiffranka hafna flus mit-tenders u peress li jkun impjegat mall-kunsill, dan jwassal ukoll il-haddiema fuq il-lant tax-xoghol.

Is-segretarju ezekuttiv gibed l-attenzjoni li l-H*uman Resources Regulations* ma' jippermettux lill Kunsill li jhaddem persuna minflok skrivan minghajr ma' jkollu r-rekwiziti necessarji bhala skrivan. Ghaldaqstant huwa qal li ser tintalab kjarifika u linja gwida mid-dipartiment tal-Kunsill Lokali fuq dan.

**Gradwazzjoni tal-istudenti tar-*wrestling*.**

Il-kunsillier Raymond Tabone qal li ser issir l-attivita tal-gradwazzjoni tar-wrestling tat-tfal fl-iskola tal-Wardija u l-kunsilliera kollha huma mistiedna jattendu nhar l-14 ta' Dicembru 2014. Bhala hlas lill iskola ghall-uzu tas-sala ser ikun ta' €150. Fuq dan kien hemm il-qbil unanimu.

Bhall ma' jsir kull sena, l-iskrivani ghandhom jircievu l-paga gimgha qabel u mhux fl-ahhar gimgha tax-xahar minhabba l-festi tal-milied. Fuq dan kien hem mil-qbil unanimu.

**Aggornament tal-laqgha.**

Il-laqgha spiccat fid 9.20pm u giet aggornata ghall nhar l-Gimgha 19 ta' Dicembru fil-5.30pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.

Mario Salerno
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop LIMIS, MBA, MPhil.
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.